MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Talba Numru. 1310/2005

**The Catering Centre Co Ltd (C9806)**

**Vs**

**Fenech Soler Joe**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-17 ta’ Gunju 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta’ Lm195.04 (mija hamsa u disghin Lira Maltin u erba` centezmi) dovuti ghal merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Qed jintalab l-ammont ta’ Lm195.04 (mija u hamsa u disghin Lira Maltin u erba` centezmi) bilanc minn ammont akbar, prezz ta’ merkanzija tal-kcina mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq ordni tieghu stess.

Bl-imghax legali mit-30 ta' Ottubru, 2003 sal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

Illi t-talba attrici timmerita li tigi respinta bl-ispejjez stante illi l-ammont indikat fl-avviz jirraprezenta bilanc ta' somma akbar dovuta ghal *fridge* industrijali mibjugha lill-konvenut mis-socjeta` attrici, liema *fridge* ma kienitx tal-kwalita` patwita; u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex taghmel ix-xogholijiet mehtiega sabiex l-imsemmija *fridge* topera kif suppost is-socjeta` attrici xorta baqghet inadempjenti;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi s-socjeta` attrici pproduciet provi dokumentarji u provi orali dwar il-bilanc fis-somma ta' mija u hamsa u disghin lira Maltin u erbgha centezmi (Lm159.04) dovut ghal *fridge* li minnhom giet konsenjata lill-istess konvenut.

Illi ghalkemm il-konvenut eccepixxa illi l-oggetti lilhom mibjugha ma kienitx tal-kundizzjoni patwita, pero` skond ix-xhieda ta' Adrian Micallef fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2006, il-problema ma kienitx il-*fridge*, izda d-differenza fil-prezz. Elf erbgha mija hamsa u disghin Lira Maltin (Lm1,459) kienu koperti b'kambjali u li fuqhom is-socjeta` attrici qed tiehu proceduri civili, filwaqt li d-differenza ta' mija u hmistax il-lira Maltin (Lm115) kien maghmul fuq *cheque* li baqgha ma giex onorat mill-Bank.

Illi l-konvenut naqas illi jaghti x-xhieda tieghu u jipproduci x-xhieda in difesa.

Jiddeciedi ghalhekk it-Tribunal illi fin-nuqqas ta’ oppozzizzjoni tal-konvenut, jichad l-eccezzjonijiet ta’ l-istess konvenut, jilqa` t-talbiet attrici, bl-ispejjes u nteressi kif mitluba kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------